MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 222/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Bezzina talli f'April 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

(1) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u

disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Donald Vella;

(2) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Donald Vella, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

(3) b'hekk sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Anthony Bezzina ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali tat-18 ta' Gunju 2008 li permezz taghha ddikjara li billi jidhirlu illi mill-kumpilazzjoni maghmula kontra l-appellat tista' tinsab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub:

a. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

baghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti, f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat, tiddeciedi fuq l-akkuza ta' din il-htija jew htijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Bezzina mhux hati u lliberatu mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-24 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi migbura b'mod illi erronejament illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet kif dedotti. Min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali jidher li l-Avukat Generali kien qieghed jakkuza l-appellat bi tliet reati: frodi b'ghemil qarrieqi, frodi innominat u approprjazzjoni indebita. Minn kif inhuma mpostati l-argumenti fir-rikors ta' appell jidher illi l-appellant effettivament qieghed jirritjeni illi l-appellat kellu almenu jinstab hati ta' frodi nnominat a tenur ta' l-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti bdiet biex tikkunsidra li l-appellat kien jinsab akkuzat "bi truffa, b'akkuza alternattiva ta' approprjazzjoni ndebita u b'recidiva" u eskludiet il-htija meta kkonkludiet li "dan il-kaz ma jikkonfigurax taht ir-reati ta' messa in xena jew ta' approprjazzjoni ndebita jew frodi iehor nominat, izda jirrigwarda self da parti tal-kwerelant illi ma hax il-mizuri prekawzjonali biex jitkixxef fuq il-vijabilita` tal-persuna illi kien bi hsiebu jsellef il-flus." Hija ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni dwar ir-reat ta' frodi <u>innominat</u>.

Issa, mill-provi jirrizulta li certu Donald Vella silef is-somma ta' Lm2,000 lill-appellat permezz ta' skrittura datata 10 ta' Gunju 2007 u li kellhom jithallsu lura sa l-ahhar ta' Lulju 2007 bl-interessi ammontanti ghal Lm400 – evidentement figura li tisboq l-imghax legali.

L-appellat fl-istqarrija tieghu qal illi kien talab lil Donald Vella jisilfu din is-somma ta' Lm2,000 izda li lil Vella ma qallux ir-raguni ghalfejn kellu bzonnhom. Jichad li qallu li riedhom biex ikun jista' jiehu *tender* ghall-*maintenace* f'xi skejjel tal-Gvern. Jghid li talabhomlu "biex nixtri d-*diesel* biex inhaddem il-barriera". Mistoqsi mill-ufficjal prosekutur: "Nghid sew li int qabel tlabtu l-flus geghltu jifhem li int tat-tajjeb u hlief fuq kostruzzjoni u barrieri ma kontx tkellmu?" Ghal din il-mistoqsija l-appellat wiegeb: "Hekk hu."

Mix-xiehda ta' Donald Vella jirrizulta illi l-appellat kien jattendi l-hanut tieghu fil-kazin tal-banda f'H'Attard u kienu jitkellmu fuq kollox. Skond Vella, l-appellat kien jghid li ghandu l-barrieri u haddiema u jiehu t-*tenders*. Darba l-appellat talbu jisilfu Lm2,000 biex ihallas perit in konnessjoni ma' *tender* tal-Gvern. Vella qal li silifhomlu ghax l-appellat bi kliemu kien ikkonvincieh li kien bniedem *sta bene*.

Difficilment jista' jitwemmen l-appellat li ma ta l-ebda raguni ghalfejn ried il-flus. Hija fin-normalita` ta' kif jigru l-affarijiet li meta xi hadd ikun irid jissellef il-flus jaghti r-raguni ghaliex ghandu bzonnhom. F'dan il-kaz ghalhekk jidher li r-raguni li ta kienet dik li qal Donald Vella, cioe` li ried jissellifhom biex ihallas perit in konnessjoni ma' *tender* tal-Gvern. Fil-fatt din il-verzjoni hija sahansitra kkonfermata minn Michael Vella, missier Donald Vella.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Carmela German** deciz fit-30 ta' Dicembru 2004, intqal dwar ir-reat ta' truffa u dak ta' frodi nnominat:

"In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

F'dan il-kaz kien hemm aktar minn gidba semplici peress illi qabel ma l-appellat talab li jissellef il-flus kien, fuq medda ta' zmien, jiltaqa' ma' l-appellat fil-hanut tieghu u jitkellem mieghu dwar dak li suppost kien ix-xoghol tieghu, b'dan illi kien ta x'jifhem lil Donald Vella li hu, l-appellat, kien tat-tajjeb – dan jammettieh l-appellat stess. U ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-appellat jghid – u ma giex ippruvat il-kuntrarju – li hu ghandu barriera, mill-istess stqarrija jirrizulta li ma uzax il-flus in konnessjoni ma'

*tender* tal-Gvern. Inoltre mix-xiehda tat-tabib John Attard jirrizulta li l-appellat beda jmur ghandu minn xi 2005 u l-ewwel kien ibati b'ghonqu mbaghad b'dahru u kien baghtu ghand Mr. Zrinzo li ghamillu MRI u sab li ghandu "slipped disc". B'hekk "ma jistax jahdem f'xoghlu, cioe` fil-gebel." Skond it-tabib Attard, l-appellat kien qallu li hu bennej. Hemm differenza bejn li tkun bennej u li tkun fin-negozju permezz ta' barriera. Issa, ghalkemm skond il-ftehim il-flus kellhom jitraddu lura sa l-ahhar ta' Lulju 2007, l-appellat baqa' ma hallasx u nonostante li Vella kien icempillu u l-appellat jghidlu li "gej", fil-fatt baqa' qatt ma radd xejn lura. Jigifieri l-appellat ta lil Donald Vella impressjoni fittizja dwar l-istat tieghu u pprezentalu storja fittizja dwar ir-raguni ghal liema ried jissellef il-flus. Il-fatt imbaghad li Donald Vella ma vverifikax il-veracita` ta' dak li kien jikkontendi l-appellat qabel ma silfu l-flus ma jnaqqasx mill-fatt li l-appellat qarraq b'Vella. Ghalhekk jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellat ghamel qliegh b'qerq bi ksur tal-Artikolu 309 a dannu ta' Donald Vella li, b'mod ingenwu, emmen dak li kien jghidlu l-appellat. Ara fl-istess sens is-sentenza precitata **Il-Pulizija v. Carmela German**.

Kwantu ghall-addebitu ta' recidiva, il-prosekuzzjoni esebiet kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Jannar 2004 li minnha jirrizultaw l-istess partikolaritajiet ta' l-appellat Anthony Bezzina li jinsabu mnizzla fl-akkuza a fol. 1, u cioe` li hu bin Xandru u Mikelina nee' Zarb, imwieled Ghajn Tuffieha l/o San Pawl il-Bahar u bil-karta ta' l-identita` 655852M. Permezz ta' dik is-sentenza l-appellat kien gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Dan il-perijodu ddekorra qabel ma sehh il-kaz in ezami, u ghalhekk il-piena titqies "skontata". Dan ifisser li l-addebitu ta' recidiva jirrizulta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ma sabitux hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u minflok issibu hati talli ghamel qligh b'qerq ghad-dannu ta' Donald

Vella bi ksur ta' l-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll talli b'hekk sar recidiv a tenur ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi a tenur ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kap. 446 tordna li jhallas lil Donald Vella s-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) – ekwivalenti ghal elfejn liri Maltin (Lm2,000). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tar-reati ta' frodi b'ghemil qarrieqi u ta' approprjazzjoni indebita.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------